DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Settembru 2009

li ttemm proċedimenti kontra d-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' tubi wweldjati, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa b'sezzjoni trasversali fil-forma ta' kaxxa jew rettangolari, tal-ħadid għajr ħadid fondut jew azzar għajr dak stainless li joriġinaw mill-Belarus, mit-Turkija u mill-Ukraina

(2009/698/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-PROĊEDURA

1.1. Il-bidu tal-proċediment

(1) Fit-13 ta' Novembru 2008, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tat bidu permezz ta' nota ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("in-nota ta' bidu"), għal proċediment kontra d-dumping fir-rigward ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' tubi wweldjati, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa b'sezzjoni trasversali fil-forma ta' kaxxa jew rettangolari, tal-ħadid għajr ħadid fondut jew azzar għajr dak stainless ("profil vojt minn ġewwa") li joriġinaw mill-Belarus, mit-Turkija u mill-Ukraina ("il-pajjiżi kkonċernati").

(2) Il-proċediment kontra d-dumping inbeda wara li fid-29 ta' Settembru 2008 tressaq ilment mill-Kumitat għad-Difiża tal-Industrija tat-Tubi tal-Azzar Iwweldjati tal-Unjoni Ewropea ("il-kwerelant"), f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ aktar minn 25 %, tal-produzzjoni totali Komunitarja ta' profili vojta minn ġewwa. L-ilment kien jinkludi evidenza *prima facie* tal-eżistenza ta' dumping ta' profili vojta minn ġewwa li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati u ta' ħsara materjali li rriżultat minnu, u din l-evidenza tqieset biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' proċediment.

1.2. Il-partijiet ikkonċernati u ż-żjarat ta' verifika

(3) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-kwerelant, lill-produtturi Komunitarji magħrufa kollha, lill-importaturi/-kummerċjanti u lill-utenti magħrufa bħala kkonċernati, lill-produtturi esportaturi u lill-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati u lill-produtturi magħrufa ta' prodott simili fil-pajjiż analogu previst (l-Istati Uniti tal-Amerika) bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(4) Sabiex il-produtturi esportaturi fil-Belarus ikollhom l-opportunità jressqu talba għal trattament individwali ("TI"), jekk ikunu jixtiequ dan, il-Kummissjoni bagħtet il-formoli xierqa lill-produtturi esportaturi magħrufa li huma kkonċernati kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Belarus. Żewġ gruppi ta' kumpaniji fil-Belarus talbu TI skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku.

(5) Minħabba n-numru apparentement kbir ta' produtturi esportaturi fit-Turkija u fl-Ukraina, produtturi u importaturi Komunitarji involuti f'din l-investigazzjoni, kien previst it-teħid ta' kampjuni fl-avviż ta' bidu, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni huwiex meħtieġ jew le u, jekk ikun il-każ, tagħżel kampjun, il-produtturi esportaturi fit-Turkija u fl-Ukraina, il-produtturi Komunitarji, u l-importaturi u r-rappreżentanti li jaġixxu f'isimhom intalbu jippreżentaw lilhom infushom u jipprovdu, kif speċifikat fl-avviż ta' bidu, tagħrif bażiku dwar l-attivitajiet tagħhom marbuta mal-prodott ikkonċernat fi żmien 15-il jum mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż ta' bidu.

(6) Għat-Turkija, minn 13-il kumpanija jew gruppi ta' kumpaniji li rrispondew għall-mistoqsijiet tal-kampjun, ġie magħżul kampjun ta' erba' kumpaniji jew gruppi ta' kumpaniji. Madankollu, waħda mill-kumpaniji fil-kampjun ma pprovdietx informazzjoni dwar l-eżistenza ta' żewġ produtturi relatati fit-Turkija fl-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni u minflok infurmat b'dan fi stadju aktar tard. Xorta waħda, iż-żewġ kumpaniji relatati ngħataw opportunità ulterjuri li jibgħatu risposta sħiħa għall-kwestjonarju. Madankollu, l-informazzjoni mibgħuta mill-kumpaniji relatati ma kinitx kompluta b'tali mod li kien impossibbli wieħed jagħmel kalkolu ta' dumping. Konsegwentement, il-kumpanija kienet eskluża mill-kampjun. Produttur Tork ieħor ma kienx inkluż fil-kampjun oriġinali iżda talab eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku u bagħat

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU C 290, 13.11.2008, p. 13.

kwestjonarju fil-limiti ta' żmien stipulati. Dan kien wara inkluż fil-kampjun. F'termini ta' volum ta' esportazzjonijiet l-erba' kumpaniji li ttieħdu għall-kampjun jirrappreżentaw 63 % tal-esportazzjonijiet totali ta' profili vojta minn ġewwa mit-Turkija lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati u ma ressqu ebda oġġezzjoni.

(7) Fir-rigward tal-Ukraina, żewġ gruppi ta' kumpaniji Ukraini u kumpanija terza rrispondew għall-mistoqsijiet tal-kampjun u indikaw ix-xewqa tagħhom li jikkoperaw fl-investigazzjoni. L-esportazzjonijiet ta' dawn il-kumpaniji lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ammontaw għal madwar 30 % tal-importazzjonijiet ta' profili vojta minn ġewwa mill-Ukraina kif rappurtat fid-dejtabejż tal-Eurostat. Fid-dawl tan-numru limitat ta' kumpaniji li qegħdin jikkooperaw, kien deċiż li tliet produtturi esportaturi li qegħdin jikkooperaw ikunu investigati bis-shiħ u li, konsegwentement, it-teħid ta' kampjuni ma jkunx applikat.

(8) Fir-rigward tal-importaturi tal-profili vojta minn ġewwa, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi kollha magħrufa biex jipprovdu informazzjoni dwar l-importazzjonijiet u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Billi tmien importaturi offrew li jikkooperaw, it-teħid ta' kampjuni ma kienx applikat.

(9) Fir-rigward tal-produtturi Komunitarji, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, intagħżel kampjun fuq il-bażi tal-ikbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji ta' profili vojta minn ġewwa fil-Komunità, li jista' jkun investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. Abbażi tal-informazzjoni rċevuta mill-produtturi fil-Komunità, il-Kummissjoni għażlet erba' gruppi ta' kumpaniji li għandhom l-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ fil-Komunità. F'termini tal-produzzjoni Komunitarja, il-gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun rrappreżentaw 52 % tal-produzzjoni totali stmata ta' profili vojta minn ġewwa fil-Komunità. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati u ma ressqu ebda oġġezzjoni. Barra minn hekk, il-produtturi Komunitarji l-oħrajn intalbu jipprovdu ċerta dejta ġenerali għall-analiżi tal-ħsara. Madankollu, produttur Komunitarju parti mill-kampjun ma bagħatx risposta għall-kwestjonarju u ddeċieda li mhux se jikkoopera aktar fl-investigazzjoni. Billi l-inklużjoni ta' whud mill-produtturi Komunitarji l-oħrajn li kienu offrew li jikkooperaw kien ikollu impatt żgħir fuq ir-rappreżentattività tal-kampjun, kien deċiż li l-ebda kumpanija oħra ma tieħu post il-kumpanija li waqfet tikkoopera fl-investigazzjoni.

(10) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi Torok fil-kampjun, lill-produttur esportaturi li qegħdin jikkooperaw fil-Belarus u fl-Ukraina, lill-uniku produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika li offra li jikkoopera għall-għan tal-identifikazzjoni tal-valur normali għall-Belarus, lill-produtturi Komunitarji fil-kampjun, lill-importaturi kollha li offrew li jikkoperaw u lill-utenti magħrufa kollha. Ir-risposti għall-kwestjonarju kienu rċevuti minn tliet gruppi ta' kumpaniji fil-kampjun li jirrappreżentaw 14-il produttur Komunitarju, erba'gruppi ta' kumpaniji fit-Turkija, produttur esportatur individwali Tork li jagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji, iż-żewġ gruppi ta' kumpaniji fl-Ukraina u produttur terz fl-Ukraina, iż-żewġ produtturi esportaturi fil-Belarus, li bagħtu wkoll formoli għal TI, u l-erba' importaturi/sidien tal-esportazzjoni tagħhom fil-każ ta' bejgħ bil-kummissjoni, il-produttur fl-Istati Uniti tal-Amerika li qed jikkoopera, tliet importaturi Komunitarji mhux relatati, u utent fil-Komunità. Barra minn dan, ħames produtturi Komunitarji oħrajn ipprovdew tagħrif ġenerali kif mitlub.

(11) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għad-determinazzjoni ta' dumping, tal-ħsara li tirriżulta u tal-interess Komunitarju. Iż-żjarat ta' verifika twettqu fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produtturi Komunitarji

— Condesa Fabril; Legutiano, Alava, Spanja,

— Corus Tubes BV; Oosterhout, l-Olanda,

— Corus Tubes UK; Corby, ir-Renju Unit,

— Lorraine Tubes, Lexy, Franza,

— Marcegaglia SPA; Gazoldo degli Ippoliti, Mantova, l-Italja.

(b) Il-produtturi esportaturi fit-Turkija

— Erbosan Erciyas Boru Sanayii ve Ticaret A.Ş., Kayseri,

— Noksel Çelik Boru Sanayi A.Ş., Ankara,

— MMZ Ohnur Boru Profil Üretim San. ve Tic. A.Ş., Istanbul,

— Yücel Boru ve Profil Endüstrisi A.Ş. u l-kummerċjant relatat Yücel Boru Ihracat Ithalat ve Pazarlama A.Ş., Istanbul.

(c) Il-produtturi esportaturi fl-Ukraina

— Lugansk Tube Works u l-kumpaniji relatati, Lugansk u Dniepropetrovsk.

(d) L-importaturi mhux relatati fil-Komunità

— Kromat Trading Ltd; Londra, ir-Renju Unit,

— JSC Azovlitas; Kaunas, il-Litwanja.

1.3. **Il-perjodu ta' investigazzjoni**

(12) L-investigazzjoni tad-dumping u l-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2007 sat-30 ta' Settembru 2008 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI"). L-eżaminar tat-tendenzi rilevanti għall-valutazzjoni tal-ħsara kopriet il-perjodu mill-1 ta Jannar 2005 sat-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu meqjus").

1.4. **Il-prodott ikkonċernat**

(13) Il-prodott li huwa allegatament l-oġġett ta' dumping huma tubi wweldjati, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa b'sezzjoni trasversali fil-forma ta' kaxxa jew rettangolari, tal-ħadid għajr ħadid fondut jew azzar għajr dak stainless, iżda eskluži l-pajpijiet bħal dawk li jintużaw għall-provvista taż-żejt jew tal-gass u l-kisi ta' protezzjoni u t-tubaturi bħal dawk użati għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass, li joriġinaw mill-Belarus, mit-Turkija u mill-Ukraina ("il-prodott ikkonċernat"), normalment klassifikati bil-kodiċi NM 7306 61 92 u 7306 61 99. Il-prodott huwa normalment riferut bħala profil vojt minn ġewwa.

(14) Il-profili vojta minn ġewwa huma l-aktar użati għall-għanijiet strutturali u ta' rfigħ ta' piżijiet mill-industrija tal-kostruzzjoni, kif ukoll għal partijiet strutturali fil-vapuri, krejnijiet, tagħmir tal-maniġġ, trejlers, trakkijiet, tagħmir fl-irziezet, eċċ. Il-profili vojta minn ġewwa jistgħu jintużaw ukoll għal għamara tal-ħadid, tagħmir sportiv u ta' rikreazzjoni, ġugarelli, bibien u twieqi tal-ħadid, xkaffar, stivar u sarr, eċċ.

2. **L-IRTIRAR TAL-ILMENT U T-TMIEM TAL-PROĊEDIMENT**

(15) Permezz tal-ittra tat-3 ta' Ġunju 2009 indirizzata lill-Kummissjoni, il-kwerelant formalment irtira l-ilment tiegħu. Skont il-kwerelant, dan l-irtirar kien ibbażat fuq il-fatt li s-sitwazzjoni kurrenti fis-suq tal-industrija Komunitarja huwa diffferenti b'mod sinifikanti mis-sitwazzjoni tas-suq meta tressaq l-ilment billi d-domanda reali u dik virtwali riċentement waqgħet fl-UE u dan wassal għal tnaqqis fl-importazzjoni. Fid-dawl ta' dawn il-bidliet fis-sitwazzjoni tas-suq, il-kwerelant ma jridx ikompli l-każ tiegħu li kien ibbażat fuq l-analiżi ta' dejta antika li ma tirriflettix aktar il-kundizzjonijiet attwali tas-suq. Skont il-kwerelant, l-aħjar mod biex wieħed jirrispondi għal kull prattika kummerċjali inġusta ta' ħsara f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa permezz ta' każ ġdid – jekk sitwazzjoni futura tirrikjedi din l-azzjoni – li jkun jindirizza bis-shiħ il-kwistjonijiet kollha.

(16) Il-kwerelant argumenta wkoll li jekk il-volumi tal-importazzjoni jerġgħu jiżdiedu, fiċ-ċirkostanzi preżenti dawn l-importazzjonijiet jistgħu jikkawżaw dubji dwar il-vijabbiltà tal-industrija Komunitarja.

(17) Ta' min jinnota li s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-prodott ikkonċernat kemm fil-KE u anki fil-pajjiżi kkonċernati hija kkaratterizzata minn bidla bla preċedent tal-parametri ekonomiċi fundamentali. Filwaqt li f'dawn iċ-ċirkustanzi huwa diffiċli li wieħed jagħmel preżunzjonijiet motivati dwar l-iżvilupp tas-suq fuq il-medda qasira sa dik medja ta' żmien, jidher ukoll li s-sitwazzjoni ekonomika hija volatili u li l-eżistenza ta' dumping inġurjuż fil-futur ma tistax jiġi eskluża. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet inċerti tas-suq ġenerali, jidher xieraq li wieħed jimmonitorja l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat fl-UE. L-informazzjoni miksuba fil-qafas ta' dan il-monitoraġġ tippermetti lill-Kummissjoni tirreaġixxi malajr, jekk ikun hemm bżonn. Pereżempju, din tista' tintuża għall-finijiet ta' bidu ta' proċediment ġdid sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, jiġifieri li jkun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* ta' dumping ta' ħsara.

(18) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li, jekk ikun hemm proċediment ġdid fir-rigward tal-prodott u jekk iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk, ikun hemm investigazzjoni b'rata mgħaġġla. Ir-Regolament bażiku fil-fatt jaħseb għal din il-possibbiltà fl-Artikolu 7(1) billi jippermetti l-impożizzjoni ta' miżuri provviżorji malajr wara l-bidu.

(19) Il-perjodu ta' monitoraġġ ma għandux jaqbeż l-24 xahar mill-pubblikazzjoni tat-tmiem tal-proċediment preżenti.

(20) Skont l-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku, il-proċediment jista' jitwaqqaf meta l-ilment jiġi rtirat sakemm tmiem bħal dan ma jkunx fl-interess tal-Komunità.

(21) F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-analiżi ta' hawn fuq tas-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, u li kull investigazzjoni ġdida possibbli li tista' ssir fil-futur, ma jqanqlux dubju dwar l-azzjoni tal-kwerelant li jirtira l-ilment. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-proċedura attwali għandha titwaqqaf billi l-investigazzjoni ma tefgħet l-ebda dawl fuq il-possibbiltà li dan it-twaqqif ma jkunx fl-interess tal-Komunità. Il-partijiet interessati ġew infurmati b'dan u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Madankollu ma waslu lura l-ebda kummenti li setgħu biddlu din id-deċiżjoni.

(22) Il-Kummisssjoni għalhekk tikkonkludi li l-proċedimenti kontra d-dumping dwar l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' tubi wweldjati, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa b'sezzjoni trasversali fil-forma ta' kaxxa jew rettangolari, tal-ħadid għajr ħadid fondut jew azzar għajr dak stainless li joriġinaw mill-Belarus, mit-Turkija u mill-Ukraina għandu jintemm mingħajr l-impożizzjoni ta' miżuri kontra d-dumping,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-proċediment kontra d-dumping dwar l-importazzjoni ta' tubi wweldjati, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa b'sezzjoni trasversali fil-forma ta' kaxxa jew rettangolari, tal-ħadid għajr ħadid fondut jew azzar għajr dak stainless, iżda esklużi l-pajpijiet bħal dawk li jintużaw għall-provvista taż-żejt jew tal-gass u l-kisi ta' protezzjoni u t-tubaturi bħal dawk użati għat-tħaffir għaż-żejt u għall-gass, li joriġinaw mill-Belarus, mit-Turkija u mill-Ukraina, normalment klassifikati bil-kodiċi NM 7306 61 92 u 7306 61 99, hu b'ħekk mitmum.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Catherine ASHTON
Membru tal-Kummissjoni